**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 63** **19 ta' Lulju, 2023**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fil- 4:45 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | _ | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Dr Mary Muscat | _ | Kunsillier |

**ASSENTI B'APPOLOĠIJA:**

Nil

**ASSENTI:**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **63.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 63.1.1 | Għal-laqgħa datata fid -19 ta'  Lulju ma kien hemm ħadd assenti |
| | |
| **63.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| 63.2.1 | Il-minuti ta' seduta numru 62 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. |
| 63.3.2 | Il-Viċi Sindku Sa. Desira ġibdet l-attenzjoni li fil-minuti tas-seduta preċedenti, id-data f'punt 62.4.2 għandha tiġi emendata minn ' Is-Sibt l-1 ta' Lulju' għal  'Is-Sibt 27 ta' Mejju u s-Sibt 3 ta' Ġunju'. Il-minuti ma ġewx approvati u għandhom jiġu emendati. |
| | |
| **63.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 63.3.1 | Rigward it-Tinda tal-Għajn tal-Ħasselin, is-Sindku informa li ntbagħtet pjanta mill-Ministeru tal-Onorevoli Owen Bonnici. Il-kunsilliera approvaw b'mod unanimu mal-proposta tal-pjanta li ntbagħtet. Ipproponu li jkun ta' attrazzjoni isbaħ hekk issir statwa tal-bronż ta' mara qiegħda taħsel il-ħwejjeġ. |
| 63.3.2 | Is-Sindku informa li rċieva petizzjoni rigward il-problema li hemm fit-Triq Gulinu Maniscalco. Hu ppropona li tintbagħat email flimkien mal- pettizjoni lil Transport Malta. Żied jgħid ukoll li twaħħlu CCTV fiż-żona Tal-Magħluq biex ikun hemm sorveljanza.<br>Kien hemm qbil unanimu l-petizzjoni tintbagħat lil Transport Malta. |
| 63.3.3 | Is-Sindku informa li dil-ġimgħa inqalgħet it-tabella tal-unloading ta' fejn il-pjazza u ddeċċieda li terġà titwaħħal kif kienet. Kompla jispjega li fejn ġiet imressqa kienet ta' periklu għar-raġuni li kien hemm żewġ unloading bays faċċata ta' xulxin. |
| 63.3.4 | Is-Sindku qajjem il-punt li hemm bżonn tiġi deċiża d- data ta' Jum Marsaxlokk u l-'Fishfest'. Id-data li ġiet proposta mid-dipartiment għall-'Fishfest' se tkun fl-istess ġurnata ma' Żejt iż-Żejtun. Is-Sindku ser jitkellem mad-dipartiment u l-organizzaturi biex issir f'ġurnata oħra. Jum Marsaxlokk għandha issir fl-istess 'weekend' mal-'Fishfest'.<br>Is-Sindku ressaq il-proposta għall- votazzjoni li l-Monti ma jintramax f'Jum Marsaxlokk. |

| **Isem** | **Iva** | **Le** | **Asstensjoni** |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Mary Muscat | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | Kunflitt ta' Interess | Kunflitt ta' Interess | Kunflitt ta' Interess |

B'hekk il-votazzjoni kienet dik unanima li ma jarmax il-Monti f'Jum Marsaxlokk .

| | |
|---|---|
| | |
| 63.4 | **Mistoqsijiet mill- Kunsilliera** |
| 63.4.1 | Il-Viċi Sindku talbet biex jiżdiedu r-'rubbish bins' fil-bajjiet.<br>Is-Sindku wieġeb li l-bajjiet jaqgħu taħt id-dipartiment tal-'Cleaning and maintenance' u propona li tintbgħat rikjesta lill-imsemi dipartiment. |
| 63.4.2 | Dr Mary Muscat staqsiet ukoll jekk jistgħux isiru 'rubbish bins' fejn l-istages.<br>Is-Sindku informa li meta kien hemm il-bins fejn l-istages kienu jarmu żibel domestiku fihom, għalhekk is-Sindku propona li l-bins li se jiġu provduti mingħand id-dipartiment tal-cleansing jiġu mwaħħla n-naħa tal-baħar biex ma jsirx dan l-abbuż. |
| 63.4.3 | Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni rigward il-ħmieġ u l-faħam tal-BBQ li qed ikun hemm in-naħa tal-'power station' fejn iż-żona li mhux suppost isir BBQ's.<br>Is-Sindku wieġeb li jekk jintbagħtu l-wardens irid isir bil-ħlas. Ġie ssuġġerit li tintalab l-għajnuna tal-wardens għal tmiem il-gimgħa għal perjodu ta' ħmistax. |
| 63.4.4 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa jekk hux se jsir ir-reserved parking quddiem il-banka tal-lottu.<br>Is-Sindku wieġeb li ser isir quddiemu fuq il-bankina u se tkun indikata bil-kolonni u separators biex ikun hemm indikazzjoni minn fejn jistgħu jgħaddu n-nies. |
| 63.4.5 | Is-Sur Stephen Caruana talab jekk jistgħux jinħaslu l-mini tan-naħa tal-banka tal-lottu għax hemm residenti li għandhom 'il fuq minn tmenin sena.<br>Is-Sindku wieġeb li għalkemm dawk huma privati se nwasslu r-rikjesta lil tal-'cleansing department'. |
| 63.4.6 | Is-Sur Stephen Caruana talab jekk ħanut fil-pjazza jistax jarma l-imwejjed il-Ħadd filgħodu f' jum il-festa.<br>Is-Sindku jissuġġerixxi li jitlob il-permess lill-Kappillan għax hemm propjetà tal-Knisja. |
| 63.4.7 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa jekk bejjiegħ tal-Monti jistax jarma t-Tlieta fil-ġimgħa tal-festa f'post differenti.<br>Il-post indikat għal permess ta' darba huwa Xatt is-Sajjieda quddiem l-iskall numru 2.<br>Is- Sindku propona li ssir votazzjoni.<br><br>**Isem** / **Iva** / **Le** / **Asstensjoni**<br>Steven Grech / / X /<br>Elenia Desira / X / /<br>Mary Muscat / X / /<br>Stephen Caruana / X / /<br>Daniel Zerafa / X / /<br><br>B'hekk il-votazzjoni ġiet dik ta' 4 favur u wieħed kontra. |
| 63.4.8 | Il-kunsillier Daniel Zerafa rrimarka li kellna nhallsu ammont sostanzjali fuq kawża li l-Kunsill Lokali tilef.<br>Ġie deċiż li ħa tintbagħat email uffiċjali lid- Direttur Ġenerali u lill-President tal- Assoċjazjoni tal- Kunsilli lokali, fejn ħa ssir talba għall-kumpens, minħabba l-fatt li kien hemm nuqqas u l-Kunsill iħoss li weħel intortatment. |

Vote table (63.4.7):

| Isem | Iva | Le | Asstensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | | X | |
| Elenia Desira | X | | |
| Mary Muscat | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

| | |
|---|---|
| **63.5** | **Kameras f'Ġonna Pubbliċi.** |
| 63.5.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kameras tal-ġonna pubbliċi ser jinbidlu u ħa jitwaħħlu oħrajn ġodda biex ikunu ta' sorveljanza. Dan minħabba l-vandaliżmu li kien qed isir dan l-aħħar. |
| | |
| **63.6** | **Planning Authority** |
| 63.6.1 | Il- Kunsillier Zerafa ressaq:<br><br><u>PA/03976/23</u> (Vacant Plot, Triq il-Bahhara c/w, Triq Lepanto, Marsaxlokk - Proposed excavation of site and construction of semi-basement garages, overlying childcare center, two apartments and a duplex apartment interconnected with receded floor.)<br>Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.<br><br><u>PA/06398/22</u> (Site at, Unnamed road off, Triq it-Torri, Marsaxlokk - Proposed demolition of existing room and instead construction of pump room to serve pre-67 reservoir)<br>Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.<br><br><u>PA/02729/23</u> (Agricultural Field, off, Triq it-Torri, Marsaxlokk - To construct stable and sheep pen including ancillary facilities consisting of tack and fodder storage area, paddock, manure clamp and cesspit. Proposal includes construction of dry random rubble walls including excavation and construction of underground reservoir and installation of timber gate plus other additions and alterations)<br>Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.<br><br><u>PA/03727/23</u> (Land at ta' Marnisi, off, Triq it-Torri, Marsaxlokk - Proposed construction of demarcation walls, restoration of rubble walls, reservoir, agricultural store and gate.)<br>Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.<br><br><u>PA/01454/23</u> (Site at, Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk - To propose reconstruction of agricultural room as per 1967 orthophoto)<br>Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.<br><br><u>PA/02162/23</u> (Site off, Triq iz-Zejtun Sqaq Nru. 1, Marsaxlokk - To construct 4 stables, and ancillary facilities including a tack room and food store and includes the installation of a timber gate to the existing boundary wall and an underground water reservoir.)<br>Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.<br><br><u>PA/02911/23</u> (Tal-Kwakka Farmhouse, Triq iz-Zejtun Sqaq Nru. 2, Marsaxlokk - To sanction sheep farm that was built pre-1994 and other extensions that were built post 1994.)<br>Il- Kunsill ma sabx oġġezzjoni. |
| | |
| **63.7** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |

| | |
|---|---|
| 63.7.1 | Skeda tal-pagament No 07/23 u petty cash. Proponiet Elenia Desira u Dr. Mary Muscat issekondat. Din ġiet approvata b'mod unanimu bejn dawk preżenti. |
| | |
| **63.8** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 63.8.1 | Is-seduta ntemmet fil- 5:39p.m wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-22 ta' Awwissu 2023 fl-4:30 p.m. |

Konfermati, illum 22 ta' Awwissu , 2023.

**IFFIRMATA**
________________________
**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**
_________________________
**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*